# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 16**

**Rikors numru 80/2018/3 AGV**

**Jesmond Grixti**

**v.**

**Dr Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo li nħatru bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Angela Jane Hopkins Grixti b'digriet tas-27 ta' Marzu 2018**

1. L-attur appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar il-kawża ta' separazzjoni li fetaħ kontra martu li tgħix fl-Awstralja. Fir-rikors maħluf talab lill-Qorti sabiex:

> *"1.Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabli lill-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza l-attur sabiex jgħix separatament minn mal-konvenuta;*

*2.Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tipperċepixxi manteniment mingħand l-attrici;*

*3.Takkorda aċċess għall-attur a favur iz-zewġt itfal u ċioe Paul Angelo Hopkins Grixti li twieled fis-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u Marianna Carmela Grixti Hopkins li twieldet fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) inkluz ġranet matul il-vaganzi tagħhom tas-sajf u l-Milied, f'liema ġranet huma jkunu jistgħu jqattgħu l-ħin tagħhom f'Malta ma' missierhom fl-aħjar interess tal-ulied;*

*4.Tillikwida manteniment adegwat a favur iz- zewġt itfal u ċioe Paul Angelo Hopkins Grixti li twieled fis-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u Marianna Carmela Grixti Hopkins li twieldet fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li jkun jirrispekka l-mezzi u l-bzonnijiet tal-istess ulied u tar-rikorrenti;*

*5.Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lil-attur.*

*6.Ixxolji u tillikwida l-proprjeta komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewġ porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attriċi rikonvenzjonata hija unikament ħatja għas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attur u porzjoni lil-konvenuta ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*7.Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lil-konvenut rikonvenzjonat l-beni kollha dotali u/jew parafernal tiegħu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi żmien qasir u perentorju li għandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-attriċi rikonvenzjonata tagħmel dan, tikkundannaha tħallas lill-konvenut rikonvenzjonat dik is-somma li għandha tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.*

*8.Tassenja l-proprjieta li għandhom il-partijiet u ċioe dik li ġġib in-numru tnejn u tletin (32) f'Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk lil-attur;*
*9.Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

*10.Tipponunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn l-partijiet fit-12 ta' Awissu 2006*

*11.Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.*

*12.Tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku".*

2. Il-kontendenti żżewġu fit-12 ta' Awwissu 2006 u kellhom żewgt itfal li għadhom minorenni. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet fl-Awstralja fejn l-attur mar ikompli bl-istudji tiegħu. Iż-żwieġ sar fl-Awstralja u l-familja għexet hemmhekk. Iż-żwieġ ġie reġistrat ukoll f'Malta (att taż-żwieġ numru 3194/2012). Il-familja kienet tiġi Malta għall-vakanzi. Għamlu perjodu jgħixu fil-Kenja minħabba x-xogħol tal-konvenuta. Meta għalaq iż-żmien tal-*posting* fil-Kenja rritornaw lura l-Awstralja. Matul iż-żwieġ il-partijiet xtraw il-fond 113/114, ix-Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk b'kuntratt tat-28 ta' Ottubru 2009. Sabiex sar akkwist ħadu self mingħand l-HSBC Bank Malta plc li għadu qiegħed jitħallas. Fl-2015 l-attur ġie jaħdem Malta. Fi Frar 2016 il-konvenuta nfurmat lill-attur li ż-żwieġ kien tkisser u ser tibda ħajja ġdida. B'deċiżjoni tad-9 ta' Ottubru 2017 il-Federal Circuit Court of Australia (Canberra) ordnat li t-tliet proprjetajiet li kellhom il-partijiet fl-Awstralja jinbiegħu u bir-rikavat jitħallas id-dejn u l-bilanċ jitħallas lill-konvenuta. F'dawk il-proċeduri l-konvenuta talbet ukoll li dwar il-fond li għandhom f'Malta, il-Qorti tordna:-

*"6. That within 42 days from the date hereof the Respondent Husband:*

*a. Do all things necessary to repay to HSBC Malta the amount outstanding on the loan account number 14166177 in the joint names of the Applicant Wife and the Respondent Husband ('the HSBC Mortgage') and discharge the HSBC Mortgage in the parties joint names secured over the property known as 114, il Scirocco, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk MXX 1306 in Malta ('the Malta property');*

> b. *Make all payments, including arrears, in respect of the life insurance policy secured over the Applicant Wife's life in respect of the HSBC Mortgage and take all steps necessary to cancel the policy;*
> c. *Indemnify the Applicant Wife in relation to all loans secured or unsecured or all liabilities howsoever arising in respect of by the Malta Property including but not limited to and all moneys owed to Mario Grixti and Malta contractor (Joseph Zammit).*
>
> *7. Contemporaneously with the Respondent Husband's compliance with Order 6 above, the Applicant Wife transfer to the Respondent Husband all of her right, title and interest in the Malta Property provided that the Respondent Husband shall meet all costs and expenses in respect of the said transfer, howsoever arising.*
>
> *8. That in the event the Respondent Husband is unable to comply with Order 6 above, the parties shall forthwith take all steps necessary to sell the Malta Property ......... and cause the proceeds to be applied as follows:*
>
> *a. To discharge the HSBC Mortgage encumbering the Malta Property;*
> *b. To discharge any mortgage and debt then outstanding to Mr Zammit in such amount as evidenced by an affidavit sworn by him.....*
> *c. To pay the balance to the Respondent Husband*
>
> *9. That in the event the Respondent Husband is able to compy with Order 6 above, the Respondent Husband be as against the Applicant Wife the sole legal and beneficial owner of the Malta Garage and indemnify and keep indemnified the Applicant Wife in respect of all liabilities owing in respect of his property".*

Il-qorti estera laqgħet dik it-talba wkoll. Fl-4 ta' April 2018 l-attur fetaħ il-kawża ta' separazzjoni f'Malta. Ma jirriżultax li f'Malta għamel proċeduri sabiex is-sentenza tal-Qorti Awstraljana tiġi rikonoxxuta u eżegwita f'Malta. B'sentenza tal-11 ta' Lulju 2018 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fuq talba tal-attur wara rikors li ppreżenta fit-30 ta' April 2018,[1] ordnat it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet

[1] Għalkemm notifikat bir-rikors u avviż ta' smigħ, il-kuratur ma weġibx u lanqas deher għas-seduta.

għalkemm iż-żwieġ ma kienx ċelebrat Malta u ma jirriżultax li wara ż-żwieġ ġew igħixu Malta.

3. Bis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2020 l-ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-*
> *i) Tilqa' l-ewwel talba attrici minhabba tortijiet minn naha tat-tnejn ;*
> *ii) Tilqa' t-tieni talba ;*
> *iii) Tasjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talba ;*
> *iv) Tichad il-hames talba ;*
> *v) Tilqa' s-sitt talba sa fejn dan kien applikabbli stante l-ordni tal-Federal Circuit Court of Australia datat 9 ta' Ottubru, 2017;*
> *vi) Tilqa' s-seba' talba attrici;*
> *vii) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmein talba ;*
> *viii) Tichad id-disa' talba ;*
> *ix) Tichad l-ghaxar u l-hdax-il talba ;*
> *x) Tilqa' t-tnax-il talba.*
> *Stante c-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa*."

4. B'rikors preżentat fis-26 ta' Ottubru 2020 l-attur appella mis-sentenza:

> *"6.1.1 Tikkonferma s-sentenza mogħtija fis-sebgħa (7) ta' Ottubru 2020; nkwantu laqgħet it-tieni (2), is-sebgħa (7) u t-tnax il-talba;*
>
> *6.1.2 Tilqa'* ***l-ewwel aggravju*** *hawn fuq espost sussegwentement tgħaddi sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) b'dana li tilqa l-ewwel (1) talba tal-attriċi u tiddikkjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta u tawtorizza attur sabiex jghix separatament minn mal-konvenuta u sussegwentement tgħaddi biex tilqa it-tielet (3), ir-raba (4), il-ħames (5), is-sitt(6), it-tmien (8) , id-disa (9), l-għaxar (10) u l-ħdax (11) il-talba tal-appellanti;*
>
> *6.1.3 Tilqa* ***t-tieni (2) aggravju*** *tal-appellanti u kwindi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti nhar is-sebgħa (7) tta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fejn astjeniet u/jew ċaħdet it-talbiet tal-attur u konsegwentement tgħaddi biex tilqa t-talbiet kollha tal-attur;*

*6.1.4* ***Tilqa it-tielet (3) aggravju tal-appellanti*** *u kwindi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti nhar is-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tmien (8) talba tal-attur u susegwentement tgħaddi biex tilqa din it-talba;*

*6.1.5* ***Tilqa r-raba (4) aggravju tal-appellanti u*** *u kwindi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti nhar is-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) nkwantu l-kap tal-ispejjez u sussegwentement tordna li l-ispejjez taz-zewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-attriċi appellata;"*

5. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-attur talab li l-Qorti tħassar partijiet mill-ewwel sentenza per eżempju fejn il-Qorti astjeniet milli tikkunsidra t-tielet u raba' talbiet li jikkonċernaw aċċess għal uliedu u ħlas ta' manteniment. F'dan ir-rigward l-attur pero` ma ressaq l-ebda aggravju b'raġunament għalfejn ma jaqbilx ma' dik il-parti tas-sentenza. L-istess per eżempju talab lil din il-Qorti sabiex tilqa' dak li rrefera għalih bħala r-raba' aggravju dwar l-ispejjeż, meta fil-korp tar-rikors tal-appell m'hemmx ir-raba' aggravju.

L-ewwel aggravju.

6. Fl-ewwel aggravju l-attur jilmenta mill-fatt li l-Qorti tal-Familja tatu parti mit-tort għat-tkissir taż-żwieġ. Isostni li kulma ppreżentat il-konvenuta kienu fotokopji ta' dokumenti. Żied li ma kienx hemm eċċezzjoni li bih il-konvenuta oġġezzjonat li tingħata t-tort għat-tkissir taż-żwieġ, kif ukoll li kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti fl-atti

m’hemmx affidavit tal-konvenuta. Kellhom għalhekk jintlaqgħu wkoll l-għaxar u ħdax-il talba.

7. Dwar ir-responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ l-ewwel Qorti qalet:

*“L-attur jaghti tort lill-konvenuta li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment u dan minhabba li rrendiet ruhha hatja ta’ sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi. Il-verzjonjiet moghitja mill-kontendenti hija totalment kontradditorja. Il-konvenuta pprezentat affidavit iddetaljat fejn ipprezentat lill-attur bhala persuna li kellu apatija u ma kienx kapaci jahdem f’impjieg fiss. Kwalsiasi responsabbilita’ fil-konfront tat-tfal tghid li hi refghetha mhux l-attur, li kien jippreferi jqatta’ hin wahdu jew jara t-televizjoni u jixrob l-inbid, partikolarment lejn l-ahhar tar-relazzjoni taghhom.*

*Il-konvenuta ukoll tirrileva li l-attur kien izomm dixxiplina wisq rigida mat-tfal, l-iktar mal-minuri Paul, meta kien isawwtu bic-cinturin. Ma kinitx taqbel ma’ din il-forma ta’ dixxiplina, li hija ghal kollox innegata mill-attur.*

*Huwa difficli biex il-Qorti tasal biex tiddetermina min minnhom huwa l-iktar kredibbli, tenut kont tal-fatt li x-xhieda prodotta dwar ir-responsabbilita’ huma ghal kollox limitati u hu l-attur, kif ukoll il-habib tal-attur iktar taw dawl fuq il-konvenuta u t-talb taghha ghall-flus peress li kellhom problemi finanzjarji, minhabba li l-attur kien ghamel zmien dizokkupat.*

*Madanakollu, mix-xhieda tal-kontendenti, jista’ jinftiehem li l-konvenuta kellha impjieg mal-DFAT relatat mal-foreign affairs u kienet tigi stazzjonata f’diversi ambaxxati f’pajjizi differenti. L-attur, muzicista u ghalliem, kien halla kollox sabiex ikun mal-konvenuta f’Canberra u bata sabiex sab impjieg relatat max-xoghol tieghu, anzi pjuttost kull impjieg li sab ma kienx relatat mal-kapacitajiet tieghu. Dan gharrfu Mario Tabone Vassallo u xehed li kien hemm certu nuqqas ta’ self-fulfillment da parti tal-attur peress li kien qed ihossu inferjuri fis-sens li ma setax jipprovdi bizzejjed ghall-familja.*

*Dina l-Qorti tista’ tifhem is-sens ta’ frustrazzjoni tal-attur, iktar u iktar meta kellu martu li kienet ambizzjuza u riedet tavvanza fil-karriera taghha. Minhabba f’hekk l-apatija u r-rabja li kien jesprimi l-attur, jistghu jigu ggustifikati bhala zvog minhabba dina l-inferjorita’. Il-konvenuta setghet ma ndunatx jew ma rrelatatx dawn l-atteggjamenti ma’ dawn il-fatturi.*

*Fattur importanti iehor kien ir-relazzjoni tal-konvenuta mal-familjari taghha. Kienu jaqilghu hafna glied, specjalment omm il-konvenuta.*

*Dan kollu ta' lok ghal hafna glied bejn il-kontendenti peress li kien ikun hemm hafna tensjoni bejniethom u d-dwejjaq tal-konvenuta minhabba dawn ic-cirkostanzi kienet tispicca tinfexx mal-attur, li jwasal ghal diversi insulti u ingurji.*

*L-aspett finanzjarju tal-partijiet ma ghenx il-hajja matrimonjali lanqas. Il-konvenuta bdiet tinvesti fil-proprjeta' u ghalkemm l-introjtu taghha kien wiehed tajjeb, l-attur kien diehel u hiereg minn diversi impjiegi u ghalhekk ma kienx hemm paga stabbli li wasslu ghall-arretrati fil-pagamenti tal-loan li kellhom Malta, kif ukoll kellhom jissellfu xi flus. Anzi l-konvenuta kienet tittallab minghand hu l-attur Mario jew anke mill-habib tieghu Mario Tabone Vassallo li hass li kien hemm certu nuqqas ta' professjonalita' da parti taghha*

*………...*

*Ghaldaqstant, jirrizulta ghal din il-Qorti li l-kontendenti kkontribew ghall- problemi fiz-zwieg minhabba ingurji gravi, sevizzi u eccessi minhabba dawn ic-cirkostanzi kontributorji li ssemmew iktar 'l fuq."*

8. Fl-ewwel lok waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-attur tat lill-Qorti x'tifhem li l-attur kien prinċipalment interessat fl-aggravju li titratta d-dar f'Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk li nxtrat matul iż-żwieġ.

9. F'kull każ il-fatt li m'hemmx eċċezzjoni fir-rigward tal-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta hi responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ, ma tfissirx ammissjoni għall-ewwel talba tal-attur. L-ewwel Qorti xorta kellha tikkunsidra l-provi u tiddeċiedi dwar ir-responsabbilta`.

10. Hu veru li l-kuraturi ppreżentaw kopja ta' affidavit li l-konvenuta ppreżentat fil-proċeduri ta' separazzjoni li saru fl-Awstralja flimkien ma' dokumenti li mhumiex awtentikati. Pero` l-istess għamel l-attur li ppreżenta kopja tal-affidavit li għamel fl-Awstralja, għalkemm ippreżenta wkoll affidavit li għamel f'Malta. Inoltre, il-ħafna dokumenti li ppreżenta l-

attur, inkluż il-kopja tas-sentenza tal-qorti estera, mhumiex awtentikati. Għalhekk jekk il-Qorti kellha taddotta r-raġunament tal-attur, lanqas l-affidavit li għamel fl-Awstralja u d-dokumenti li ppreżenta m'għandhom jiġu kkunsidrati bħala prova. Għalhekk sabiex kull parti tiġi kkunsidrata b'mod ugwali fil-kors tal-proċess ġudizzjarju, il-Qorti taqbel li l-ewwel Qorti kkunsidrat dak kollu li hemm fl-atti. Dan meħud ukoll in konsiderazzjoni li l-ebda parti m'oggezzjonat għalihom meta kienu preżentati bħala prova.

11. M'hemmx dubju li dan kien każ fejn il-provi prinċipali kienu fl-Awstralja peress li l-partijiet għexu l-ħajja miżżewġa f'dak il-pajjiż. Hu minnu li l-attur għamel affidavit li kkonferma bil-ġurament f'Malta.[2] Fir-rikors maħluf l-attur argumenta li l-konvenuta hi ħatja ta' *"3....sevizzi, moħqrija u theddid u nġurji oħra fil-konfront tal-istess attur....."*. F'dik il-parti ntestata *'Tkissir taż-żwieġ'* ma ntqal xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-konvenuta hi responsabbli waħedha għat-tkissir taż-żwieġ. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li kollox kien għaddej b'mod normali fiż-żwieġ u f'dak il-bnazzi faqqgħet is-sajjetta li l-konvenuta trid separazzjoni. Il-verżjoni li rrakkontat il-konvenuta hi differenti ħafna minn dik tal-attur.

12. Il-Qorti żżid li t-tliet xhieda l-oħra mhumiex tali li jistgħu jikkonvinċu lil din il-qorti li l-verżjoni li ta l-attur hi dik l-iktar kredibbli. F'dan ir-rigward per eżempju x-xhud Mario Tabone Vassallo xehed fuq dak li kien sema'

[2] Fol. 28.

dwar l-inkwiet li nqala' fiż-żwieġ (ara fol. 100). Dan apparti li x-xhud qal dak li jaħseb li ġara, meta xhud suppost izomm għal fatt li jaf u mhux jagħti opinjonijiet. Fil-fatt ix-xhud stess qal, *"Rajtha stramba. Jiena rajtha li lagħbitu. Naħseb kien hemm xi ħaġa minn qabel. M'għandi ebda dritt illi naħseb hekk. Imma ma tagħmilx sens"*.[3]

13. Wara li l-Qorti qrat l-atti tikkonkludi li l-ewwel Qorti kienet ġustifikata tiddeċiedi li ż-żewġ partijiet ikkontribwew għat-tkissir taż-żwieġ.

14. L-attur ilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ċaħdet l-għaxar talba li biha talab li tordna l-ħall taż-żwieġ. Pero` fl-aggravju ma ta l-ebda raġuni għalfejn. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti qalet:

> *"L-attur qed jitlob ukoll li jinhall dan iz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66 tal-Kap, 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress li l-attur irritorna lura Malta fl-2015 jirrizulta li ghaddew erba' snin minn mindu ilhom ighixu separatament. Il-kawza per se tirrapprezenta li ma hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni. Jirrizulta li hemm problemi u arretrati ta' manteniment lejn it-tfal, meta l-konvenuta kkonfermat li kien biss hallas ftit mill-manteniment li kien dovut minnu.*
>
> *Dwar manteniment jirrizulta li diga' kien hemm sentenza moghtija mill-Federal Circuit Court of Australia. Skond l-istess Qorti kellu jhallas arretrati ta' $11, 436, 01, kif ukoll gie ordnat ihallas lump sum payment ta' $100, 000 u dan skond ma jirrizulta mid-digrieti mahruga mill-istess Qorti.*
>
> *Il-konvenuta pproduciet dokumentazzjoni fiz-zmien tas-sena 2015, meta l-attur kien jahdem mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u kien izomm il-kariga ta' manager. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobsplus Ltd. Ipprezenta l-employment history tal-attur, minn fejn jirrizulta li l-ahhar impjieg tieghu kien fl-2017 part-time relatat mal-Performing Arts u l-bqija huwa self-employed.*

[3] Fol. 102.

> *Ma ngabux ghalhekk provi konkreti dwar l-introjtu tal-attur, lanqas biss ma pprezenta xi formuli tat-taxxi biex jikkonferma l-introjtu tieghu.*
>
> *Dan iqieghed il-Qorti f'posizzjoni difficilissima gialadarba wiehed mir-rekwisiti rikjesti sabiex jinghata d-divorzju mhux soddisfatt*."

15. Fin-nuqqas ta' argumenti għalfejn id-deċiżjoni tal-ewwel hi żbaljata, din il-Qorti ma tistax' tilqa' dik il-parti tal-aggravju tal-attur sabiex tħassar dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti dwar l-għaxar talba tar-rikors maħluf.

16. Għal dak li jirrigwarda l-ħdax-il talba, din kellha tintlaqa' għal dak li jikkonċerna l-firda ġialadarba l-ewwel Qorti laqgħet it-talba sabiex tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet.

<u>It-tieni aggravju.</u>

17. B'dan l-aggravju l-attur jilmenta li kulma ppreżentat martu kienu kopji ta' dokumenti li mhumiex awtentikati u affidavit mhux maħluf. Joġġezzjona li l-ewwel Qorti kkunsidrathom bħala prova.

18. Il-kuratur ippreżenta d-dokumenti fis-7 ta' Novembru 2019. Magħhom hemm affidavit li ppreżentat fil-qorti Awstraljana (Dok. MNC1), u fuqu hemm dikjarat li kien kkonfermat bil-ġurament fil-5 ta' Ottubru 2017. L-affidavit fih rakkont tal-ħajja miżżewġa. Hu minnu li l-kopja tal-affidavit ma ġietx awtentikata. Madankollu l-istess għamel l-attur.

19. F'dan ir-rigward il-qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li diġa' qalet fir-rigward tal-ewwel aggravju.

<u>It-tielet aggravju</u>.

20. B'dan l-aggravju l-attur ilmenta li l-ewwel Qorti ddeċidiet li tastjeni milli tqis it-tmien talba li biha talab li l-fond 114, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk ikun assenjat lilu. Skont stima li ppreżenta l-attur datata 10 ta' Ottubru 2016, il-fond dak iż-żmien kellu valur ta' €138,000.[4] L-attur xehed li ilu minn Lulju 2015 iħallas lura s-self waħdu.

21. L-ewwel Qorti qalet:

> *"Dwar it-talba tal-attur li jiġi assenjat il-proprjeta 114, Scirocco, Xatt is-Sajjieda Marsaxlokk skond l-ordni mogħtija mill-Federal Circuit Court of Australia fid-9 ta' Ottubru 2017, din diġa ġiet assenjata lill-attur u fl-istess waqt ġie ordnat jassumi d-dejn fuq l-istess u għalhekk dina l-Qorti ma tistax tifhem il-pretensjoni tal-attuf f'dan ir-rigward li prattikament huma għal kollox frivoli u vessatorji.*
>
> *Dwar kontijiet bankarji f'Malta ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni u għaldaqstant, dawk konġunti għandhom jingħalqu u jinqasmu l-flus li hemm bejniethom, filwaqt li l-kontijiet f'isem il-partijiet għandhom jiġu assenjati lilhom personalment".*

22. L-attur argumenta li t-trasferiment ta' immobbli sseħħ skont il-liġi fejn qiegħed l-immobbli (*lex situs*), f'dan il-każ il-liġi Maltija.

[4] Fol. 134.

23. Pero` fis-sentenza l-qorti Awstraljana m'assenjatx il-fond lill-attur. Ordnat biss lill-konvenuta tittrasferixxi lill-attur it-titolu li għandha fuq il-fond ta' Marsaxlokk. Imbagħad f'każ li l-attur ma jwettaqx dak li ordnat f'paragrafu 6, il-partijiet għandhom ibiegħu l-fond u bir-rikavat isir dak ordnat f'paragrafu 8 fis-sentenza estera. Ovvjament il-konvenut ma jistax ibiegħ il-fond f'Malta mingħajr il-firma ta' martu ġialadarba hi koproprjetarja u ma sarux proċeduri għar-rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti Awstraljana. Mill-provi ma jirriżultax li l-partijiet għamlu xi ħaġa flimkien sabiex jitwettaq dak li ordnat il-qorti Awstraljana fir-rigward tal-fond f'Malta.

24. Din il-Qorti wara li ħadet konjizzjoni ta' dak deċiż mill-qorti estera fejn l-immobbli kollha fl-Awstralja kellhom jinbiegħu u r-rikavat jingħata lill-konvenuta, tqis li dak li qiegħed jitlob l-attur hu altru milli ġustifikat. Wara kollox kienet il-konvenuta stess fil-kawża fl-Awstralja li talbet li l-fond jinbiegħ u l-attur iħallas id-dejn li fadal fuqu u jieħu l-bilanċ. B'hekk ser tassenja l-fond f'Marsaxlokk lill-attur b'dan li għandu jagħmel tajjeb għad-dejn kollu li għad irid jitħallas fir-rigward tas-self li kien ittieħed sabiex xtraw il-fond.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2020 billi:-

1. Tilqa' t-tmien talba u tassenja l-fond 113/114, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk lill-attur bil-kundizzjoni li personalment jagħmel tajjeb għad-dejn kollu li għadu dovut fir-rigward tas-self li kien ittieħed mingħand HSBC Bank Malta plc sabiex inxtara l-istess fond, u jindennizza lill-konvenuta fl-eventwalita' li tiġi mġiegħla tħallas xi parti minn dak id-dejn.
2. Tilqa' parzjalment il-ħdax-il talba fis-sens li tordna lir-Reġistratur sabiex jagħti avviż ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.
3. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata.
4. Spejjeż tal-appell jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet, b'dan li d-dritt tal-kuraturi għandu jitħallas proviżorjament mill-attur.

| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr